

**Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. en)**

**10729/22
ADD 1**

**POLMAR 43
POLGEN 102
COMAR 42
ENV 676
ENER 340
MAR 137
MARE 54
PECHE 235
RELEX 897
SUSTDEV 118
TRANS 451**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	JOIN(2022) 28 final
Suġġett:	ANNEX tal- KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli - Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument JOIN(2022) 28 final.

Mehmuż: JOIN(2022) 28 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 24.6.2022
JOIN(2022) 28 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli - Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda
tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani**

{SWD(2022) 174 final}

1. TISĦIĦ TAL-QAFAS TA' GOVERNANZA INTERNAZZJONALI TAL-OĊEANI¹

Il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar

L-UE se:

- **tagħti spinta għal Qafas Globali ambizzjuż tal-Bijodiversità għal wara l-2020** fi ħdan il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KBD) u għal **ftehim ambizzjuż, ġust u ekwu dwar id-Diversità Bijoloġika tal-Baħar lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (BBNJ).**
- **tirakkomanda li l-isfruttament tal-minerali tal-baħar fiż-Żona² ma għandux jibda qabel ma jiġu ssodisfati dawn it-tliet kriterji kollha:** i) ikun hemm disponibbli għarfien xjentifiku suffiċjenti dwar l-ekosistemi tal-baħar fond u dwar l-effetti potenzjali tal-estrazzjoni fuq l-ekosistemi tal-baħar u s-servizzi tagħhom, ii) ikun hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet adegwati għall-protezzjoni effettiva tal-ambjent tal-baħar mill-effetti dannużi tal-attivitajiet ta' estrazzjoni fiż-Żona, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-UNCLOS u iii) ikun jista' jintwera li ma jirriżulta l-ebda effett ta' ħsara mit-teknoloġiji tal-estrazzjoni u mill-prattiki operazzjonali.
- **tippromwovi b'mod attiv l-istabbiliment ta' Żoni tal-Baħar Protetti (MPAs) fl-Antartika fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR).**
- **tikkonserva r-riżorsi tas-sajd u tipproteġi l-ekosistemi tal-baħar fil-pjan ta' azzjoni li jmiss tagħha, filwaqt li tibni fuq ir-rekwiżit legali tal-UE biex jinkiseb status ambjentali tajjeb, inkluż għall-integrità ta' qiegħ il-baħar, u ddaħħal miżuri, fejn meħtieġ, biex jiġi regolat l-użu ta' rkaptu tas-sajd li huwa l-aktar ta' ħsara għall-bijodiversità.**

Sajd u akkwakultura sostenibbli

L-UE se:

- **tibni fuq il-ftehim globali tad-WTO biex tippromwovi ċerti forom ta' sussidji tas-sajd** konklużi f'Ġunju 2022 u tinsisti għat-tisħiħ tiegħu malajr kemm jista' jkun mal-elementi li għadhom ma ġewx maqbula.
- **tkompli tippromwovi l-konformità u l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli internazzjonali għall-ġlieda kontra s-sajd IUU, b'mod partikolari l-Ftehim tal-FAO dwar il-miżuri tal-Istat tal-Port³ u jkollha rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' linji gwida volontarji tal-FAO dwar it-trażbord.**
- **tkompli tippromwovi l-mekkaniżmi kontra l-IUU fl-RFMOs kollha u tinsisti għall-promozzjoni tal-Korpi Reġjonali tas-Sajd f'RFMOs, b'mod partikolari l-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant u l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent.**
- **tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-RFMOs dwar l-aħjar Prattiki fil-ġestjoni tas-sajd u kwistjonijiet oħra ta' interess komuni ("komunità ta' Prattika"), filwaqt li tibni kemm jista' jkun fuq il-proċessi eżistenti.**

¹ L-azzjonijiet b'tipa grassa huma daww enfasizzati fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani

² Skont l-UNCLOS, iż-“Żona” tfisser qiegħ il-baħar u qiegħ l-oċean u s-sottoswoli tagħhom, lil hinn mil-limiti tal-ġuriżdizzjoni nazzjonali.

³ inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod abilitanti (is-Sistema Globali għall-Iskambju ta' Informazzjoni, ir-Reġistru Globali tal-Bastimenti tas-Sajd, il-Bastimenti tat-Trasport bil-Friża u l-Bastimenti tal-Provvista) u l-assistenza lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp.

- *tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali u tappoġġa d-deżinjazzjoni ta' MPAs fl-Oċean Artiku, inkluż permezz tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal.*
- *tfassal mill-ġdid il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli tagħha sabiex dawn jikkontribwixxu aħjar għal governanza mtejbja tal-oċeani.⁴*
- *tkompli timmonitorja mill-qrib l-attività tal-flotta tagħha barra mill-ilmijiet tal-UE permezz tar-Regolament dwar il-Ġestjoni Sostenibbli tal-Flotot Esterni tas-Sajd⁵ u tipromwovi l-istess livell ta' standards għoljin fix-xena internazzjonali.*
- *tagħti spinta biex jiġi estiż il-kummerċ tas-sajd sostenibbli billi twettaq l-impenji fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali ma' partijiet terzi u ssaħħaħ il-governanza tal-oċeani permezz tal-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni tagħha.*

Il-Protezzjoni tal-ibħra reġjonali

L-UE se:

- *iżżid l-isforzi tagħha biex tissieħeb fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed kontra t-Tniġġis.*
- *tappoġġa l-involviment tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, Pjanijiet ta' Azzjoni u arranġamenti reġjonali simili madwar id-dinja taħt il-Programm tan-NU għall-Ambjent dwar l-Ibħra Reġjonali fl-implimentazzjoni ta' impenji internazzjonali fir-rigward tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità inkluż ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (ABNJ) u fil-ġlieda kontra t-tniġġis tal-plastik.*

Sħubijiet strateġiċi

L-UE se:

- *tuża, kif xieraq, id-djalogi u l-formati ta' kooperazzjoni eżistenti biex tintegra l-kooperazzjoni dwar il-governanza tal-oċeani.⁶*
- *iżżid il-kooperazzjoni dwar il-governanza tal-oċeani skont il-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP).*
- *tassisti lir-reġjuni u lill-pajjiżi sħab taħt Ewropa Globali biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom għal governanza aħjar tal-oċeani, inkluż b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva ta' strumenti ewlenin ta' governanza globali tal-oċeani, għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, għall-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli, għall-promozzjoni ta' azzjoni bbażata fuq l-oċeani għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u għall-eradikazzjoni tat-theddid għas-sigurtà marittima.⁷*
- *fl-2023-2024 tnedi azzjonijiet biex tappoġġa governanza aħjar tal-oċeani, inkluż l-iżvilupp ta' ekonomiji blu sostenibbli fl-Afrika, f'konformità mal-programmazzjoni ta'*

⁴ Il-Kummissjoni qed twettaq evalwazzjoni tal-SFPAs bil-għan li tagħmilhom aktar effiċjenti u effettivi u mmirati aħjar lejn il-kooperazzjoni bilaterali u l-implimentazzjoni tal-oġettivi tad-dimensjoni esterna tal-PKS.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2017/2403

⁶ L-UE għandha diversi djalogi ta' livell għoli ma' sħab importanti, lil hinn miż-żewġ Sħubijiet dwar l-Oċeani dwar l-affarijiet tal-oċeani maċ-Ċina u mal-Kanada.

⁷ Fil-Programm Indikattiv Reġjonali għall-Afrika sub-Saħarjana, ġie allokat ammont indikattiv ta' EUR 180 miljun għal ħames programmi reġjonali tal-oċeani li ġew identifikati u li qed jitħejjew.

Ewropa Globali għall-Afrika. Fl-2022 se jiġi stabbilit grupp strateġiku Afrika-UE dwar il-governanza tal-oċeani biex jissuġġerixxi prijoritajiet strateġiċi.

- fl-2023, tospita flimkien mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE li jinsabu f'dan il-baċir tal-baħar, it-tieni Forum tar-Reġjuni tal-Baħar fl-Oċean Indjan tal-Punent.

2. LEJN IS-SOSTENIBBILTÀ TAL-OĊEANI SAL-2030

L-oċeani u t-tibdil fil-klima

L-UE se:

- tappoġġa lill-pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-azzjoni taġġhom relatata mal-oċeani f'segwitu nazzjonali għall-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u se tippromwovi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.
- tmexxi l-ftehim ta' miri, standards u miżuri ambizzjużi u marbuta biż-żmien dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) għat-trasport marittimu internazzjonali fl-OMI.
- tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu tal-UE billi żżid l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (FuelEU Maritime) u tintroduċi pprezzar tal-karbonju (estensjoni tal-EU ETS għas-settur marittimu).
- tappoġġa l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta billi taqşam l-għarfien espert tal-UE ma' pajjiżi terzi u tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp ta' swieq ġodda. F'konformità mal-Global Gateway⁸, l-UE se tappoġġa wkoll investimenti fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.
- iżżid l-isforzi taġġha biex tippreżerva l-funzjoni naturali tal-"karbonju blu" tal-oċean permezz tal-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u daww kostali u tnaqqax fil-liġi l-miri tar-restawr tal-ekosistemi.⁹
- tintegra l-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fix-xogħlijiet tal-kumitati xjentifiċi tal-RFMOs, tal-RSCs u ta' korpi u strumenti oħra li jittrattaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar, bħall-Ftehim futur dwar il-BBNJ, u se tippromwovi attivament id-deżinjazzjoni ta' żoni tal-baħar protetti addizzjonali, inkluż mis-CCAMLR.
- tippromwovi aktar riċerka dwar punti ta' żbilanċ tal-ekosistema xprunati mill-klima, se taġġmel sforz biex jiżded il-fehim tal-implikazzjonijiet kumulattivi tal-ekosistema minn taħlita ta' fatturi ewlenin, b'mod partikolari t-tiżhin, id-deossiġenazzjoni u l-aċidifikazzjoni, taġġti spinta lir-riċerka dwar il-karbonju mill-oċeani u ż-żieda fil-livell tal-baħar u soluzzjonijiet assoċjati bbażati fuq in-natura, u se żżid l-innovazzjoni relatata mal-mitigazzjoni u l-adattament sostenibbli bbażati fuq l-oċeani.
- tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Londra u tad-Deċiżjoni dwar is-CBD X/33 u se ssegwi fehim aħjar ta' kif il-prinċipji taġġhom ta' bażi xjentifika adegwata, valutazzjoni tar-riskju u prinċipju ta' prekawzjoni japplikaw għall-attivitajiet tas-CDR ibbażati fuq l-oċeani.

Il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar

L-UE se:

⁸ JOIN(2020) 30 final

⁹ COM(2020) 380

- **tinvolvi ruħha attivament fin-negozjati għal Ftehim Globali dwar il-Plastik li jkun legalment vinkolanti.**
- *tappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni għall-iżvilupp biex tiġġieled u tevita t-tniġġis tal-baħar mill-art u mill-baħar, inkluż ir-riskju ta' tniġġis minn munizzjoni oġġett ta' dumping fil-baħar, u se tippromwovi l-ġestjoni tal-iskart, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u approċċi tal-ekonomija ċirkolari.*
- *tappoġġa sforzi fil-livell globali u reġjonali, inkluż billi tintegra l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u dak kostali f'relazzjonijiet bilaterali biex tippreżerva u tirrestawra l-kwalità tal-ambjent u tal-bijodiversità tal-baħar.*
- *ssaħħaħ il-faċilitajiet ta' akkoljenza tal-portijiet tal-UE biex tiġbor skart u sustanzi oħra li jniġġsu minn bastimenti fuq vjaġġi interni u internazzjonali u timmaniġġjah f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari kif ukoll biex tkompli tinvesti fl-iskoperta ta' skariki illegali minn bastimenti u ttejjeb il-prosekuzzjoni tat-trasgressuri.*

Il-promozzjoni tat-twettiq tar-responsabbiltajiet tal-Istati tal-bandiera minn dawk li jaġixxu bħala reġistri miftuħa

L-UE se:

- *tieħu approċċ proattiv biex tiżgura li l-pajjiżi jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom bħala Stati tal-bandiera stabbiliti f'konvenzjonijiet internazzjonali (bħal IMO, ILO, UNCLOS) u jeżerċitaw responsabbiltajiet sovrani sħaħ fuq ir-reġistri tagħhom biex ikunu jistgħu juru kontroll fuq l-attivitajiet. tal-bastimenti li jtajru l-bnadar tagħhom, billi tinkludi din il-kwistjoni fid-djalogi bilaterali settorjali rispettivi tagħha tal-UE mal-Istati kkonċernati (fl-oqsma tas-sajd, tas-sikurezza marittima, tal-ambjent jew tad-drittijiet tax-xogħol).*
- *issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-pajjiżi jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom bħala Stati tal-bandiera permezz ta' djalogi IUU jew, bħala l-aħħar alternattiva, jużaw miżuri relatati mal-kummerċ assoċjati mal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi bħala li ma jikkoooperawx fil-qafas tar-Regolament IUU.*
- *tinkludi f'fora internazzjonali rilevanti l-kwistjonijiet imqajma mill-użu mifrux ta' reġistri miftuħa mis-sidien tal-bastimenti biex jevitaw ir-regoli u l-istandards eżistenti, kif ukoll il-possibbiltà li s-sidien benefiċjarji jinżammu responsabbli għal dawn l-attivitajiet illegali. B'approġ għal din il-ħidma, il-Kummissjoni se tniedi studju li jesponi l-mudelli kummerċjali tal-operaturi li jużaw ir-reġistri miftuħa u d-diversi atturi involuti fil-funzjonament ta' dawn ir-reġistri, u se tippromovi soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati.*
- *tikkoordina fost il-politiki rilevanti rispettivi bil-ħsieb li tindirizza aħjar id-dgħufijiet wara r-reġistri miftuħa, u tagħmel l-għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE kundizzjonali fuq implimentazzjoni aħjar minn dawn il-pajjiżi tal-Konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin dwar il-governanza tal-oċeani (eż. il-Konvenzjonijiet UNCLOS, IMO u ILO).*

It-tranżizzjoni lejn ekonomija blu globali sostenibbli

L-UE se:

- taħdem biex iżżid is-sostenibbiltà tal-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li jibbenefikaw minn Kwoti Tariffarji Awtonomi (ATQs) billi tibbaża fuq l-istudju tal-UE li għaddej bħalissa¹⁰ f'dan il-qasam.
- tnedi ħidma fuq qafas ta' żvilupp tal-ekonomija blu tal-G20 biex tidentifika u tiżgura sorsi ta' finanzjament fit-tul għat-tranżizzjoni globali lejn ekonomija blu sostenibbli.
- tmexxi 'l quddiem id-diskussjoni dwar sett komprensiv u ambizzjuż ta' linji gwida għall-Akkwakultura Sostenibbli fil-FAO filwaqt li tibni fuq il-Linji Gwida Strateġiċi għall-akkwakultura sostenibbli u kompetittiva tal-UE.¹¹
- tittestja soluzzjonijiet għall-akkwakultura sostenibbli u għas-sajd sostenibbli, inkluż billi tnaqqas l-impatt tal-irkaptu tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar, permezz tal-Missjoni tagħha "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030".
- **tirrevedi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura** biex tippovdi informazzjoni lill-konsumaturi u lill-operaturi fil-katina tal-provvista dwar aspetti kruċjali ta' sostenibbiltà tal-prodotti tal-UE u dawk importati.
- tappoġġa attivitajiet għal inizzjattivi innovattivi mmexxija min-negozju, li jibdew bl-ewwel avveniment "BlueInvest Africa"¹².

Il-ġestjoni integrata tal-oċeani permezz ta' żoni tal-baħar protetti u ppjanar spazjali marittimu

L-UE se:

- iżżid il-kooperazzjoni mal-IOC-UNESCO għall-promozzjoni tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) madwar id-dinja permezz ta' sħubija ġdida bbażata fuq pjan direzzjonali konġunt ta' ħames snin, li għandu jitnieda fit-tielet konferenza internazzjonali dwar l-MSP lejn l-aħħar tal-2022.
- taħdem ma' sħab internazzjonali biex tinkorpora ż-Żoni tal-Baħar Protetti (MPAs) u miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni (OECMs) fi strateġija globali ta' konservazzjoni ta' oċean wieħed biex titnaqqas il-perssjoni tal-bnedmin kif ukoll id-degradazzjoni tal-oċeani barra miż-żoni protetti.
- tappoġġa l-koordinazzjoni reġjonali u l-proġetti konġunti għal ġestjoni komuni biex jiġu nnominati networks ekoloġikament rappreżentattivi u koerenti ta' MPAs u OECMs ġestiti tajjeb.

3. L-IŻGURAR TAS-SIGURTÀ U S-SIKUREZZA FUQ IL-BAĦAR

Is-sigurtà fuq il-baħar

L-UE se:

- tinvesti aktar fis-sigurtà marittima u fil-preżenza globali b'mod partikolari permezz ta' aktar eżerċizzji attivi, sejħiet fil-portijiet Ewropej, pattulji konġunti kif ukoll il-bini tal-kapaċitajiet (eż. sal-2023 twettaq eżerċizzju marittimu attiv ma' sħab fl-Indo-Paċifiku).
- tikkonsolida u testendi l-operazzjonijiet navali tal-UE skjerati fil-Mediterran u lil hinn mill-kosta tas-Somalja.

¹⁰ qed jitħejja

¹¹ COM/2021/236 final

¹² 7-8 ta' Settembru 2022, Is-Seychelles

- *ssaħħaħ is-šhubijiet reġjonali fiż-żoni marittimi ta' interess u, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-programmi eżistenti (eż. SWAIMS, PASSMAR, GoGIN, MASE, il-Programm PSP, CRIMARIO¹³), ittejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni globali u s-sigurtà marittima,*
- *timplimenta l-Preżenza Marittima Kkoordinata f'Żoni Marittimi ta' Interess oħrajn*
- *tiżviluppa u ssaħħaħ il-mekkaniżmi tal-UE ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà marittima bħall-Ambjent Komuni għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni u s-Sorveljanza Marittima sal-2025.¹⁴*
- *tiffaċilita, kif xieraq, il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn inizzjattivi marittimi reġjonali ċivili u militari biex ittejjeb l-għarfien dwar is-sitwazzjoni.*

Is-sikurezza fil-baħar u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti madwar id-dinja

L-UE se:

- *tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd Nru 188 tal-ILO.*
- *tivvaluta t-traspożizzjoni fl-Istati Membri tad-Direttiva 2017/159, li tinkorpora l-Konvenzjoni Nru 188 fid-dritt tal-UE, u tiegħu l-miżuri xierqa kollha jekk Stat Membru jonqos milli jittrasponi kif xieraq id-Direttiva fis-sistema legali nazzjonali tiegħu.*
- *tindirizza l-isfidi relatati mas-sajd bħal xogħol furzat u forom oħra ta' abbużi tad-drittijiet tax-xogħol fi djalogi bilaterali rilevanti u f'fora reġjonali u internazzjonali, inkluż meta dawn jinstabu fil-kuntest tal-ġlieda kontra s-sajd IUU.¹⁵*
- *tappoġġa inizzjattivi tal-IMO li jnaqqsu r-riskji ambjentali mit-trasport marittimu (skart fil-baħar, storbju taħt l-ilma, tniġġis tal-arja u tal-ilma) u mill-attivitajiet tas-sajd.*
- *tirrevedi d-direttivi relatati mar-rekwiżiti tal-istati tal-bandiera, il-kontroll mill-Istat tal-port u l-investigazzjoni dwar l-aċċidenti marittimi¹⁶ biex jitqiesu l-bidliet fl-ambjent regolatorju u t-teknoloġija internazzjonali u jiġi żgurati li kwalunkwe tagħlima meħuda matul l-aħħar għaxar snin fl-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE f'dan il-qasam tiġi inkorporata fid-dritt tal-UE.*

4. IL-BINI TAL-GĦARFIEN DWAR L-OĊĊANI

L-UE se:

- *tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' interfaċċa intergovernattiva transdixxiplinarja bejn ix-xjenza u l-politika għas-sostenibbiltà tal-oċċani, **Bord Intergovernattiv għas-Sostenibbiltà tal-Oċċani (IPOS)**, li jibni fuq l-għarfien espert globali applikabbli u l-korpi xjentifiċi eżistenti.*

¹³ SWAIMS – Appoġġ għas-Sigurtà Marittima Integrata tal-Afrika tal-Punent, PASSMAR – Programm ta' Appoġġ għall-Istrateġija ta' Sigurtà Marittima fl-Afrika Ċentrali, GoGIN – Network Interreġjonali tal-Golf tal-Guinea, MASE – Programm ta' Sigurtà Marittima Reġjonali, PSP – Programm tas-Sigurtà tal-Portijiet, CRIMARIO – il-proġett għar-Rotot Marittimi Kritiċi fl-Oċċan Indjan

¹⁴ Is-CISE huwa mistenni li jsir operattiv fil-bidu tal-2024. Dan ġie żviluppat biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza marittima madwar l-UE, inkluża l-kooperazzjoni ċivili-militari.

¹⁵ COM(2022) 66

¹⁶ Id-Direttiva 2009/21/KE, id-Direttiva 2009/16/KE, id-Direttiva 2009/18/KE

- *tespandi s-servizz tal-baħar ta' Copernicus bħala r-referenza tal-UE għas-servizzi tal-oċeani: il-provvediment ta' servizzi ta' monitoraġġ, ta' tbassir u ta' previżjoni tal-klima f'ħin reali.*
- *tingħaqad mas-sħab biex tistabbilixxi sistemi ta' osservazzjoni u monitoraġġ fit-tul tal-oċeani f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali u tappoġġa osservazzjonijiet fit-tul tal-oċeani fin-nofsinhar globali billi ttiprovdi kors ta' taħriġ.*
- *timplimenta l-Missjoni Ewropea "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030" bil-fanali tagħha f'kull baċir tal-baħar Ewropew biex tippromwovi r-riċerka u l-innovazzjoni għal soluzzjonijiet adattati għall-iskop biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-oċeani kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.*
- *tiżviluppa Digital Twin Ocean (EU DTO) biex tgħin fl-integrazzjoni tal-katina tal-valur tal-għarfien mill-ġbir ta' osservazzjonijiet sal-ġenerazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-utenti finali u tippreżenta approċċ unifikat għad-diskussjoni internazzjonali u tikkontribwixxi għal inizzjattivi internazzjonali bħal Digital Twins of the Ocean (DITTO)¹⁷.*
- *tkompli l-ħidma tagħha taħt l-Alleanza għar-Riċerka dwar l-Oċean Atlantiku u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.*

¹⁷ <https://www.oceandecade.org/actions/digital-twins-of-the-ocean-ditto/>